TRIBUNAL GĦAL TALBIET TAL-KONSUMATUR
MALTA
CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

Avviz Numru CCT 157/13/GB

**Ivan Vella**

**vs**

**Go plc.**

Illum 13 ta' Novembru 2013

**It-Tribunal**

Wara li ha konjizzjoni tal-Avviz fl-ismijiet fuq premessi pprezentati fit-12 ta' Lulju, 2013 fejn ir-rikorrent talab rifuzjoni ta' erbgha mitt Ewro (€400.00), rapprezentanti kont pendenti mas-socjeta' ntimata, liema kont qed jiġi kkontestat stante diskrepanza fit-tariffa.

Is-socjeta' ntimata pprezentat risposta bil-miktub ghal din it-talba, u attendiet ghas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda guramentata tar-rikorrent li huwa l-istess rikorrent, u wara li sema' x-xhieda guramentata tas-socjeta' ntimata, u wara li ha konjizzjoni tal-fatti kif ukoll tac-cirkostanzi kollha tal-kaz;

**Ikkonsidra s-segwenti:**

**Ir-rikorrent issottometta bil-miktub illi:-**

Huwa qed jaghmel din it-talba biex jiġi revedut il-kont tal-mobile internet ta' bejn ix-xhur ta' Jannar u April 2013, ghall-fatt li huwa kien fuq tariffa gholja hafna u gie mmultat tliet mija sebgha u tletin Ewro (€337.00) qabel il-VAT ta' biss 700MB.

Dan gara ghaliex fl-2012, ir-rikorrent kien uza s-servizz tal-internet bil-bundle li kien jiswa hames Ewro u disgha u disghin ċenteżmi (€5.99) u kien juża ftit minn dan il-bundle, u ghalhekk kien iddeċieda li jwaqqfu. Meta r-rikorrent mar ghand is-socjeta' ntimata, gie ssuġġerit lilu li jwaqqaf il-bundle u jżomm is-servizz miftuh tal-internet bhala 'Pay as you Go', fejn is-socjeta' ntimata qaltlu li t-tariffa kienet tiswa ghaxar ċenteżmi (€0.10) per MB, li kien ghola mill-ammont li r-rikorrent kien ihallas bhala tariffa. Pero' xorta kien jiġi irhas bil-ftit konsum tar-rikorrent, u fil-fatt ma bediex jigieh iktar minn żewġ Ewro (€2.00) sa erbgha Ewro (€4.00).

F' Jannar 2013, ir-rikorrent xtara smart phone u rċieva SMS minghand is-socjeta' ntimata sabiex jibghat SMS vojt biex jiġu attivati l-funzjonijiet kollha tal-mobile.

Billi l-mobile kien ghadu ġdid, ir-rikorrent beda jesperimenta bil-functions tieghu u uza madwar 250MB. Illi ghalhekk, huwa kien ċempel lis-socjeta'ntimata u staqsa kemm kien ser jiswieh dan il-konsum, fejn gie nformat li kien ta' €0.10/MB. Fi Frar 2013, ir-rikorrent kien irċieva kont u l-internet gie jiswa mitejn u sebghin Ewro (€270.00). Fil-pront huwa kien ċempel lis-socjeta' ntimata fejn gie nformat li l-internet kien jiswa €0.10/MB u li kien hemm xi żball fil-konsum.

Ir-rikorrent spjega li l-konsum kien tajjeb, u x'hin is-socjeta'ntimata ċċekkjat, hija qaltlu li l-internet minn barra l-bundle kif kien qed jużah kien jiswa 0.07/60KB, u li kien ghalhekk li l-kont gie jiswa daqshekk.

Li kieku r-rikorrent kien jaf minn qabel li s-servizz kien jiswa daqshekk, huwa qatt ma kien iżomm dik it-tariffa.

**Is-socjeta' ntimata ssottomettiet bil-miktub illi:-**

Dak mahsub fl-Artikolu 23(4) tal-Kap 378 tal-Ligijiet ta' Malta ma ġiex osservat u ghalhekk din it-talba ma setghatx tiġi preżentata quddiem dan it-Tribunal u ghalhekk dan l-istess Tribunal ma jistax jiehu konjizzjoni tat-talba.

Illi minghajr preġudizzju ghall-eccezzjonijiet imsemmija fuq, it-talba ta' l-attur mhix ġustifikata u dan kif ser jiġi spjegat u ppruvat waqt it-trattazzjoni ta' dan il-kaz.

Ghaldaqstant it-talba tal-konsumatur ghandha tiġi michuda bl-ispejjez.

**It-Tribunal jinnota illi:-**

Wara li sema' l-partijiet, it-Tribunal jikkonsidra illi fix-xhieda guramentata tar-rikorrent, huwa rega' kkonferma l-verzjoni tieghu bil-miktub.

Ir-rikorrent ezebixxa wiehed mill-kontijiet, li gie mmarkat bhala Dok.IV1.

It-Tribunal jikkonsidra wkoll illi s-socjeta' ntimata, fix-xhieda ġuramentata taghha, hija regghat ikkonfermat il-verzjoni taghha bil-miktub.

Is-socjeta' ntimata ezebiet it-tmien kontijiet, li gew immarkati bhala Dok.GO1 sa Dok.GO8; flimkien ma' kopja tal-kuntratt, li ġiet immarkata bhala Dok.GO9; u kopja tal-korrispondenza, li ġiet immarkata bhala Dok.GO10.

It-Tribunal, wara li ra l-affidavit datat 24 ta' Settembru 2013, u ffirmat minghand Carmen Grech, qed jichad l-ewwel eċċezzjoni tas-socjeta' ntimata.

It-Tribunal jinnota l-offerta li saret da parte tas-socjeta' ntimata, liema offerta ġiet irrifjutata mir-rikorrent, u li kienet tikkonsisti fis-segwenti:

Pakkett bl-isem ta' Limitless 35 kera ta' €38.00 bit-taxxi b'kollox, liema pakkett jinkorpora dawn il-beneficcji:- telefonati lejn numri tal-GO kollha b'xejn, SMS's lejn numri tal-GO kollha b'xejn, 75 minuti u 75 SMS's b'xejn lejn numri ohrajn, 2GB internet b'xejn sa l-ahhar ta' Dicembru 2013 ecc. Parti mill-offerta tas-socjeta' ntimata tinkludi wkoll illi jekk ir-rikorrent jintrabat ghal sentejn, jinghata kreditu ta' €328.37 bit-taxxi b'kollox, li huwa ekwivalenti ghall-uzu tal-internet li ghamel fuq il-kont in kwistjoni.

**Ghal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, wara li kkonsidra dak kollu hawn fuq premess, flimkien mal-konsiderazzjoni tal-offerta generuza da parte tas-socjeta' ntimata li ġiet irrifjutata mir-rikorrent, liema offerta m'hijiex wahda li t-Tribunal jista' jimponi fuq ir-rikorrent, it-Tribunal jinnota wkoll illi ma kien hemm l-ebda kontestazzjoni rigwardanti l-uzu tal-internet in kwistjoni. Illi ghalhekk, u in kwantu ta' dan l-uzu mhux ikkontestat, it-Tribunal qed jichad it-talba tar-rikorrent, bl-ispejjez tal-kawza kontra l-istess rikorrent.

**Avv. Gabrielle Buttigieg**
**Arbitru**